MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Awwissu, 2010

Numru 837/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**vs**
**Elena Nikolova**
**Yordanka Vasileva**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Elena Nikolova ta' 33 sena, bint Dimitar Kanev u Elenka *nee'* Nedjalkova mwielda Bulgaria fit-3 ta' Dicembru 1976, ma ghandhiex residenza fissa u detentrici tal-karta tal-identita Bulgara numru 193836950;
Yordanka Vasileva ta' 25 sena, bint Nacho u Ivanka mwielda Bulgaria fil-11 ta' Frar 1985, ma ghandhiex residenza fissa u detentrici tal-karta tal-identita' Bulgara numru 187392154;

Talli bejn is-6 u t-12 t'Awissu 2010, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom anke jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Nhar id-9 t'Awissu 2010 ghall-habta ta' 17:30hrs gewwa Arkadia Shopping Complex, Triq Fortunato Mizzi Rabat Ghaxdex ikkommettew serq ta' flus ta' ammont li jaccedi l-valur ta' €232.94 izda anqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Rodianne Hili detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 19787G u dan bi ksur ta' Aartikolu 261 (c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Nhar il-11 t'Awissu 2010 ghall-habta ta' 11:00hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq ta' flus ta' ammont li jaccedi l-valur ta' €232.94 izda anqas minn €2329.37, liema serq huwa aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Joanne Cherrett detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 465068M u Tarcisia Bartolodetentrici tal-karta tal-identita bin-numru 96845M u dan bi ksur ta' Aartikolu 261 (c) u 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Nhar is-6 t'Awissu 2010 ghall-habta ta' 13:00hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq semplici ta' flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta' €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Dora Esther Towle ta' nazzjonalita Brittanika u dan bi ksur ta' artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Nhar is-6 t'Awissu 2010 ghall-habta ta' 13:45hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq semplici ta' flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta' €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Ursula Christa Kohler ta' nazzjonalita Germaniza u dan bi ksur ta' artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Nhar l-10 t'Awissu 2010 ghall-habta ta' 10:45hrs gewwa l-Belt Valletta kkommettew serq semplici ta' flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta' €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Janica

Pace detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 175793M u dan bi ksur ta' artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Nhar it-12 t'Awissu 2010 ghall-habta ta' 12:45hrs gewwa l-l-Arkadia Shopping Complex Triq Fortunato Mizzi Rabat Ghawdex kkommettew serq semplici ta' flus liema ammont li ma jaccediex il-valur ta' €232.94 izda huwa aktar minn €23.29 ghad-detriment ta' Maria Said detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 9377G u dan bi ksur ta' artikolu 285 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Nhar l-10 t'Awissu 2010 bejn l-10:45hrs u 13:30hrs bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom izda ikun aggravat bil-valur ghad-detriment ta' Janica Pace detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 175793M u dan bi ksur tal-artikolu 41 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet l-ammissjoni tal-imputati minnhom rikonfermata wara li nghataw zmien sabiex jikkontemplaw id-dikjarazzjoni taghhom;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lil-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat l-artikoli 261 (c), 267, 279 (a), 284, 285, 41 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundannahom ghal terminu ta' prigunerija ta' seba' (7) xhur kull wahda mil-lum;

Tordna li dawn l-atti jinbaghtu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------